Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 11/K7/2014**

**Introduzzjoni**

Il-Hdax il-Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare, l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-partijiet mill-laqgha kienet prezenti wkoll l-Accountant Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 ta' Mejju 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 10/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 10/K7/2014.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Konguntі ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Risposta għall-Management Letter 2013.**
10. **Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K7/2014 kif pprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K7/2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 033-2014 -** Laqgħa dwar Jum Pembroke **(Ara Dok. 1), Internal Memo 034-2014** - Laqgħa mas-sur Joe Woods **(Ara Dok. 2) u Internal Memo 035-2014** – Lista ta' laqghat li saru 10/K7/14 u 11/K7/14 **(Ara Dok. 3)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-7 ta' s-26 ta' Mejju 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/2254/14/I **07/05/2014** Kopja ta' l-ittra li Transport Malta baghtu lis-sur Jonathan Zahra li joqghod Blk A5, Flt 1, Triq Pietru D'Armenia fejn infurmawh li l-applikazzjoni ma gietx milqugha minhabba li m'hemmx persuna rregistrata fir-residenza tal-persuna b'dizabilita' u m'hemmx sewwieq.

46/2255/14/I **07/05/2014** Ittra minghand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghall-parkegg riservat tas-sur Paul Formosa (Juno Flats) giet approvata.

46/2439/14/I **15/05/2014** Kopja ta' l-ittra li Transport Malta baghtu lil Susan Vella fejn infurmawha li l-applikazzjoni taghha ghal parkegg riservat ma gietx milqugha minhabba li l-mobbilita' taghha mhiex severa hafna u ghandha garaxx mad-dar.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2254/14/I, 46/2255/14/I** u **46/2439/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dawn kienu ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/2283/14/O **07/05/2014** Email li ntbghatet lill-Membri tal-Kunsill fejn gew infurmata bil-hsara fil-PC tas-Segretarju u ntalbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jissewwa.

6.03. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2283/14/O**, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsilliera li dwar it-tiswija mmedjata kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera permezz tal-email u ghalhekk ippropona li al finijiet ta' kompletezza, il-Kunsill ghandu jirratifika din l-ispiza.

6.04. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2367/14/I **12/05/2014** Kopja ta' l-email li Regjun Tramuntana baghat lill-Guard & Warden fejn talbu biex l-Eco wardens ikunu fil-lokal ta' Pembroke nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju 2014 bejn is-6.00pm u l-10.00pm.

6.06. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/2367/14/I**, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob li jingħata rendikont ta' xi osservazzjonijiet li setgħu saru.

6.07. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2404/14/I **13/05/2014** Email mingħand Baystreet fejn informaw lill-Kunsill li l-clean up jixtiequ l'issir f'Mejju u li jixtiequ jiżirgħu 10 sigriet u staqsa x'tip ta' sigar jistgħu jinżerghu u min fejn jinxtraw.

46/2405/14/O **13/05/2014** Email li ntbgħatet lill-Membri tal-Kunsill fejn staqsejna jekk jaqblux li s-sit li għandu jitnaddaf minn Baystreet u jsir it-thawwil ta' sigar huwa bejn il-Bring in site u wara d-dar ta' l-ex Kunsillier Gerald Bilocca.

46/2470/14/I **16/05/2014** Email mingħand Baystreet fejn informaw lill-Kunsill li jaccettaw li jħallsu €200 għall-provvista ta' 10 sigriet ta' l-għargħar iżda xorta jixtiequ li jitħawwlu issa u talbu biex jinxtraw mill-Kunsill u jħallsu l-Kunsill dakinhar li jinżerghu.

6.09. B'referenza għall-korrispondenza numri **46/2404/14/I, 46/2405/14/O u 46/2470/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li spezzjoni li saret kemm minnu kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jidher li s-sit propost mhuwiex daqstant ideali peress li ma jidhirx li hemm bizzejjed ħamrija sabiex jinżerghu fis-sod dawn is-sigar. Għalhekk fuq suggeriment kemm tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll tal-Kunsillier Mark Causon, ippropona li dawn is-sigar għandhom jitħawlu fi Triq Burma fejn hemm iż-żebbuġ jew fis-sit li hemm kantuniera ma' Triq Camillo Sceberras.

6.10. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u żied li fil-jiem li ġejja huwa u rapprezentant tal-PARK's ser jagħmlu żjara fil-lokal sabiex jaraw kemm u fejn PARK's jistgħu jiżirgħaw aktar sigar fil-lokal.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2406/14/O **13/05/2014** Email li ntbgħatet lill-Membri tal-Kunsill fejn staqsejna jekk jaqblux li jitneħħew il-parking bays li hemm fit-telgħa ta' Triq Camillo Sceberras u jsiru double yellow lines, minħabba li ftit li xejn jintuża, u meta jintuża qed jipparkjaw vetturi kbar li jkunu ta' periklu u ostaklu għat-traffiku.

6.12. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/2406/14/O**, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ineħħi l-parking bays li hemm fi Triq Camillo Sceberras bejn Triq Mikiel Ang Grima u Triq Burma.

6.13. Is-Sindku Dean Hili ssekonda u fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Charles Cesare żied li wara li jitneħħew il-parking bays għandu jsir centre line biex ikun hemm dilenazzjoni tat-traffiku.

6.14. Il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.15. Il-mozzjoni għaddiet.

6.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li kienet ivvutat kontra minħabba li ma taqbilx li jitnaqqas il-parking għar-residenti.

6.17. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li f'din il-parti tat-triq qatt ma jkun hemm karozzi pparkjata għajr trakkijiet kbar u coaches, liema ngenji qed ikunu ta' periklu għat-traffiku minħabba li jostakolaw il-vista tat-traffiku li jkun ġej minn Triq Cassino.

46/2412/14/I 13/05/2014 Email minghand il-GreenPak fejn baghtu kopja tal-bye law ippreparata mit-team legali taghhom dwar il-waste carriers.

6.18. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2412/14/O**, is-Sindku Dean Hili ippropona li f'dan l-istadju l-Kunsill ma jarax li din il-Bye Law hija fl-interess tal-Kunsill li tigi mplimentata.

6.19. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2421/14/O 14/05/2014 Email li l-Kunsill baghat lil Pembroke Athleta Bar fejn infurmajnihom li l-Kunsill jixtieq jorganizza serata kommemorattiva fil-parkegg pubbliku li hemm biswit il-klabb u staqsejna jekk humiex interessata li jipprovdu wine & pizza u tlabna kwotazzjoni.

46/2422/14/I 14/05/2014 Email minghand Paula Cauchi fejn ikkonfermat li tista' tmexxi s-serata f'Jum Pembroke bi hlas ta' €65.

46/2435/14/I 14/05/2014 Email minghand La Voix Academy fejn b'referenza ghall-invit tal-Kunsill biex tigi Gaia Cauchi tkanta 2 kanzunetti l-prezz huwa ta' €100 jew inkella jistghu jipprovdu ukoll il-kor ghall-prezz ta' €100 ohra.

46/2454/14/O 15/05/2014 Email li ntbghatet lill-Membri tal-Kunsill fejn staqsejna jekk jaqblux li l-Kunsill johrog cirkolari lir-residenti sabiex jibghatu tpingijiet, arti u ritratti ta' postijiet ta' wirt u valur ekologiku f'Pembroke sabiex tiġi ppubblikata fuq il-website u l-facebook.

46/2468/14/I 16/05/2014 Kwotazzjoni minghand Sandro Vella ghall-kiri ta' siggijiet ghall-prezz ta' €0.70c is-siggu inkluz il-VAT u trasport.

46/2497/14/I 15/05/2014 Email minghand Sando Cassar fejn informa lill-Kunsill li jaccetta l-invit tal-Kunsill biex ikanta f'Jum Pembroke ghall-prezz ta' €50.

6.21. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2421/14/O, 46/2422/14/I, 46/2435/14/I, 46/2454/14/O, 46/2468/14/I u 46/2497/14/I**, is-Sindku Dean Hili ppropona li: (1) Il-Kunsill japprova dawn l-istimi abbazi tal-laqgha nformali li saret fil-jiem li ghaddew dwar il-programm tac-celebrazzjonijiet b'konnessjoni ma' Jum Pembroke 2014; (2) Li l-Kunsill ghandu jigbor informazzjoni dwar dawk l-ghaqdiet sportivi li hawn fil-lokal u li rebhu xi unur halli wara jkun il-Kunsill li jevalwa l-merti ta' min ghandu jigi rikonoxxut f'Jum Pembroke; (3) It-tfal li temmew is-6 sena fl-iskola Primarja ta' Pembroke Kullegg Santa Klara jinghataw ktieb; (4) Li l-attivita' principali ssir fil-parkegg tal-klabb ta' Pembroke Athleta fi Triq Tunis, u (5) li tigi organizzata wine & pizza f'Jum Pembroke b'kollaborazzjoni mal-barman ta' l-istess klabb.

6.22. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat ukoll li ghal din l-attivita' ghandha tigi mistiedna il-kantanta Federica Falzon.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2445/14/I 15/05/2014 Email minghand rapprezentant ta' Creolabs fejn informa lill-Kunsill li jixtieq jorganizza progett zghir fil-lokal li jinvolvi tahrig lit-tfal bejn l-10 u l-14-il sena u talab il-Kunsill jghinu jippromwovi dan il-kors fil-komunita'.

46/2512/14/O 19/05/2014 Email mibghuta lir-rapprezentant ta' Creolabs fejn b'referenza ghal-laqgha li saret mieghu il-Kunsill baghat sommarju ta' dak l'intqal u gie

mitlub jikkonferma min-naha tieghu.

6.25. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2445/14/I u 46/2512/14/O**, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva u li titqassam flyer fid-djar tal-lokal.

6.26. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2455/14/I **15/05/2014** Stedina minghand l-AKL ghall-Kunsilliera li mhumiex Sindki ghal-laqgha li ser issir is-Sibt 21 ta' Gunju 2014 gewwa Dolmen bhala wahda mill-laqghat statutorji fir-regolamenti dwar l-Assocjazzjoni tal-Gvern Lokali.

6.28. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2455/14/I**, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel il-hlas relatat mal-partecipazzjoni tal-Kunsilliera.

6.29. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2472/14/I **16/05/2014** Email minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn baghat kopja draft tal-ftehim ghall-kiri ta' sit biswit l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill fejn qed jitolbu l-hlas ta' €479.21 fis-sena.

6.31. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2472/14/I**, is-Sindku Dean Hili rrimarka li b'referenza ghad-dokumenti surreferiti il-Kunsill qieghed jistenna risposta dwar talba li saret minnu sabiex kemm jista` jkun tonqos is-somma li l-Kunsill ikollu jibda jhallas b'zieda mal-kirja ezistenti u ghaldaqstant fic-cirkostanzi ftit hemm xi jsir dwar din il-materja.

46/2488/14/I **19/05/2014** Email minghand il-MEPA, fejn b'referenza ghall-ilment tal-Kunsill dwar ix-xoghol li qed isir fil-passagg ta' bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich, informaw lill-Kunsill li x-xoghol li qed isir huwa bil-permess u s-sigar li nqalghu m'hemmx bzonn permess biex jinqalghu.

6.32. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2488/14/I**, is-Sindku Dean Hili rrimarka li jidher li ghalkemm certament mhijiex sitwazzjoni mixtieqa mill-Kunsill, jidher li idejna huma marbuta peress li l-kuntratturi ma naqsu mill-ebda obbligu naxxenti mill-ligi, apparti li dan kien progett li t-talba tieghu saret waqt il-Kunsill precedenti. Nissuggerixxi pero' li nkunu aktar kapaci nipprevedu l-hsara li nistghu ngarrbu bi zviluppi proposti fil-futur sabiex kemm jista` jkun il-Kunsill ikun f'pozizzjoni jaghmel talba lil min ikun ikkoncernat sabiex jinzerghu aktar sigar fil-lokalita`.

6.33. Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li meta jkun hemm applikazzjonijiet futuri biex jinqalghu sigar antiki mhux protetti, il-Kunsill ghandu jara li jesigi li jithawlu sigar ohra fl-istess post.

46/2499/14/I **19/05/2014** Email minghand ir-Regjun Tramuntana fejn talbu lill-Kunsill biex jipprovdi skeda ta' fejn il-Kunsill jixtieq li tkun ir-rotta ta' l-Eco wardens.

6.34. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2499/14/I**, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill ghandu jerga' jibghat l-istess skeda li ntbghatet fil-passat.

6.35. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2503/14/I **19/05/2014** Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghall-Memo 7/2010 - Better Accessibility - informaw lill-Kunsill li s-somma

allokata ghall-Kunsill hija ta' €3,300.

6.37. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2503/14/I**, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dawn il-finanzi ser jinghaddu lill-Kunsill.

46/2519/14/I **19/05/2014** Email minghand l-Enemalta fejn b'referenza ghat-talba tal-Kunsil biex issir bozza fi Trejqet Patri Odorik Grima, nformaw lill-Kunsill li l-lampa giet meqjusa gustifikata u talbu li l-Kunsill jibghat il-formola STL.

6.38. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2519/14/I**, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li diga ntalbet stima lill-kuntrattur tal-Kunsill biex isir dan ix-xoghol.

46/2536/14/I **20/05/2014** Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar s-sistema tal-MEAT nformaw lill-Kunsill li s-sistema tal-MEAT trid tintuza skond kif stipulat fid-dokument ta' tender u jekk il-Kunsill ihoss li m'ghandux esperti biex jaggudika t-tender, ghandu jqabbad esperti esterni a spejjez tal-Kunsill.

6.39. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2536/14/I**, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill johrog id-dokument kif kien gie ccirkolat lill-membri tal-Kunsill u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €100.00.

6.40. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.42. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 10 u 9 jigu qabel 7.

6.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2013. **(Ara Dok. 4)**

10.02. Is-Sindku Dean Hili stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex taghti l-ispjega taghha.

10.03. Wara li saret l-ispjega, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif iccirkolat u pprezentat.

10.04. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Risposta ghall-Management Letter 2013.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill draft ghar-Risposta tal-Management Letter ta' l-Udituri 2013. **(Ara Dok. 5)**

9.02. Wara li saret l-ispjega, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-risposta kif iccirkolata u pprezentata.

9.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaderixxi ma' dak mitlub mill-Udituri biex mill-assi tal-Kunsill jitnehhew dawk l-assi li m'ghadhomx fil-Kunsill jew li spiċċa l-uzu taghhom.

9.06. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.08. Fis-7.35pm, is-Sindku Dean Hili rringrazzja lill-Accountant u talabha thalli l-kamra.***

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici s-Sindku Raymond Lanzon ghamel referenza ghall-programm ta' Jum Pembroke fejn irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jikkomunika mal-Kappillan sabiex jekk huwa possibli dan jixxandar ukoll waqt l-avvizi tal-Parrocca. Il-kelliem ippropona wkoll li kopja tal-programm ghandha titqassam fid-djar kollha tal-lokal.

8.02. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 9 u 10)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kif ipprezentata bit-tnaqqis rakkomandat ghajr items 361 u 362 tal-kumpanija AID Ltd. u dan sakemm is-sistema tigi online.

11.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li dwar l-ispezzjoni tal-giebja ta' St. Patricks li kellha ssir mill-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni fil-prezenza tal-kuntrattur tal-Kunsill, liema spezzjoni ghad ma saritx mill-Perit, din ghandha ssir mill-kuntrattur tal-Kunsill u jirraporta lura lill-Kunsill.

12.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u zied li c-cwievet ta' din il-giebja u gwiebi ohra ghandhom ikunu ghand il-Kunsill u mhux ghand ir-residenti minghajr access ghall-Kunsill.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Il-Kunsillier Mark Causon irrakkomanda li l-CM Raphael Carabott ghandu jidentifika lill-Kunsill liema bicciet t'artijiet pubblici fil-lokal qed jigu ndukrata mir-residenti.

12.05. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li quddiem St. Catherine High School hemm bzonn li jitnaddaf.

12.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk ladarba l-Contracts Manager Raphael Carabott issa beda jahdem bil-kuntratt il-gdid, wasalx iz-zmien li jitqabbad ukoll jiccertifika l-kontijiet konnessa maz-zamma, manutenzjoni u nstallazzjoni ta' dawl gdid ta' street lighting u b'hekk jitwaqqaf il-kuntratt mahrug mill-Kumitat Kongunt tan-NHDJC lilll-Med Developers Designers & Consultants Ltd.

12.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu jilqa' r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u x-xoghol b'effett mill-1 ta' Gunju jibda jsir mill-CM tal-Kunsill.

12.08. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill meta ser issir il-laqgha tal-Bord ta' l-Ghazla vis-a-vis il-kwotazzjonijiet mahruga marbuta ma' Jum Pembroke, liema offerti ser jaghlqu nhar it-Tnejn 16 ta' Gunju 2014 fis-2.00pm.

12.11. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Bord ta' l-Ghazla ghandu jiltaqa' nhar it-Tnejn 16 ta' Gunju 2014 wara li jinfethu l-offerti kif ukoll li l-Kunsill ghandu jmexxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-istess Bord, liema rakkomandazzjonijiet eventwalment ghandhom jigu ratifikata fil-laqgha li jkun imiss tal-Kunsill.

12.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-diskussjonijiet ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar id-dawl ta' Sit A1 – A4 jinsabu fl-ahhar stadji taghhom fejn bhalissa l-Kunsill qed jistenna l-istima tal-kuntrattur tad-dawl.

12.15. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba l-Kunsill jircievi din l-istima, din ghandha tigi approvata minn issa mill-Kunsill bil-quddiem u tintbghat lill-Awtorita' tad-Djar ladarba dan ix-xoghol ser isir ghas-spejjez ta' l-istess Awtorita' tad-Djar. Il-kelliem fakkar li ladarba jigi nstallat dawl gdid u ser jitqabbad ma' street lighting, il-manutenzjoni ser taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali Pembroke.

12.16. Il-Vici s-Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm qbil li l-CM jaghmel spezzjoni tal-latrini pubblici u jinforma lura lill-Kunsill bix-xoghol li hemm bzonn isir halli jibdew jinfethu skond il-kuntratt mas-sur Charlie Mifsud, ladarba r-rapport tal-Perit Kevin Fsadni kien ghadu ma wasalx.

12.19. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jadotta r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u ghalhekk ghandu jsir komunikat mal-CM tal-Kunsill.

12.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ser jistaqsi lis-sur Kurt Mizzi sabiex jekk huwa possibbli jaghti l-ghajnuna tieghu biex isir il-poster dwar Jum Pembroke inkluz il-kuncett dwar l-opri artistici kif ukoll poster iehor dwar il-proposta tas-sur Joseph Woods.

12.23. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-kuntrattur Joseph Caruana li qed jaghmel ix-xoghol t'upgrading fuq Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta u l-Perit Kevin Fsadni ghandhom jinghataw Default Notice kif ukoll penali ta' 25% minhabba li x-xoghol ma tlestix fil-hin.

12.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.26. Ghar-referenza li ghamel is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fuq il-kwotazzjonijiet migbura dwar l-uniformijiet ta' l-iskrivana referenza 46/1923/14/I, 46/1943/14/I u 46/1959/14/I, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova l-istima tal-kumpanija ID Malta. **(Ara Dok. 11, 12 u 13)**

12.27. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.29. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8.35pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tnejn 30 ta' Gunju 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg 30/6/14 |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |